IR-RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 31**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù Itaqa' nhar**
**It-Tnejn 22 ta' April 2013 fis-6.30 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Ċerpersin |
| Il-Profs. Anthony Griscti Soler | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sra Cecilia Bonello | Membru |
| Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

Il-laqgħa bdiet fis-6.40 pm

**Sospensjoni tar-Regolamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv komunikazzjoni li kellha mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-ħidma tagħha fil-Kumitati Amministrattivi. (Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv mad-DLG)

Id-Dipartiment ma sab l-ebda oġġezzjoni għat-talba tas-Segretarju Eżekuttiv sabiex minħabba ċirkostanzi familjari tkun tista' tiddelega b'mod temporanju t-teħid tal-minuti tal-laqgħat lill-Assistent Prinċipali fl-istess Kunsill.

* **"Kemm-il darba l-Assistent Prinċipali tal-Kunsill ikun jista' jiggwida lill-Kumitat Amministrattiv b'mod konformi mal-liġi u r-regolamenti tal-Kunsilli Lokali u tal-Kumitati Amministrattivi, il-Kumitat Amministrattiv ma jħossx li għandu jopponi għal din id-delega."** (*** Din hija emenda li ġiet miżjuda waqt il-laqgħa A34**)



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| **1.00** | **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A30** | |
| 1.01 | Iċ-Ċerpersin Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 30 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. | Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 30 |
| **2.00** | **Korrezzjonijiet tal-Minuti A30** | |
| 2.01 | Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. | Korrezzjonijiet tal-Minuti A 30 |
| **3.00** | **Punti li joħorġu mill-Minuti A30** | |
| 3.01 | 5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li t-*traffic calmers* ma ġewx aċċettati minn Transport Malta peress li tgħaddi l-Arriva. Għaldaqstant ġie deċiż li s-Sur Pace Bonello u s-Sur Farrugia jiltaqgħu sabiex jifformolaw imejl biex issir oġġezzjoni għal din id-deċiżjoni. | Traffic Calmers |
| 3.02 | 5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li dawn it-tabelli jinsabu ordanti iżda għadhom mhumiex lesti. | Tabelli tal-ħmieġ tal-klieb |
| 3.03 | 5.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li l-applikazzjoni ntbgħatet iżda li konna għadna ma rċevejna l-ebda risposta. | Bus Shelters |
| 3.04 | 5.04 Is-Segretarju Eżekuttiv qed tistenna risposta mingħand is-Sur Lino Pace Bonello u mingħand is-Sur Christopher Farrugia dwar meta hi l-aħjar ġurnata għalihom biex issir il-laqgħa mal-avukat tal-Kunsill. | Siġar fi Triq Ġużeppi Caruana |
| 3.05 | 5.05 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li l-Works Monitor tal-Kunsill ħa r-ritratti tat-tabelli li hemm bżonn li jinbidlu u dawn jinsabu ordnati. | Bdil ta' sinjali tat-traffiku |
| 3.06 | 7.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li bħalissa l-kuntrattur qed jaqta' l-ħaxix ħażin minn mal-bankini. | Qtugħ ta' ħaxix ħażin mal-bankini |
| **4.00** | **Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv** | |
| 4.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li l-Perit John Schembri tad-Dipartiment tal-Artijiet kellimha dwar il-permess tal-ħajt ta' Triq Godwin Ganado. Hu talabna biex napplikaw mal-MEPA aħna. Hija baqgħet issostni li la l-ħajt mhuwiex tal- | Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv |

Kumitat Amministrattiv, l-applikazzjoni mal-MEPA għandha ssir mid-Dipartiment tal-Artijiet. Għaldaqstant, huwa baqa' magħna li ser japplika biex ikun jista' jitkompla x-xogħol fuq dan il-ħajt.

Is-Sur Christopher Farrugia staqsa dwar kemm se nagħtuh żmien biex japplika.

Is-Segretarju Eżekuttiv weġbitu li ser nibagħthulu imejl biex naraw jekk applikax.

## 5.00 Komunikazzjoni mill-membri

5.01 Is-Sur Christopher Farrugia saħaq li kien hemm tabella li tindika li hemm skola fi Triq Francesco Azopardi k/m Triq Tal-Virtù u din it-tabella inqalgħet. Huwa talab li titwaħħal oħra. — *Tabella li tindika li hemm skola fi Triq Francesco Azopardi*

5.02 Is-Sur Christopher Farrugia talab li jsir 'refresh' tas-sinjali tat-traffiku fi Triq Godwin Ganado u fi Triq Carlo Fiamingo. — *'Refres' tas-sinjali tat-traffiku*

5.03 Il-Profs. Griscti Soler talab li ssir il-manutenzjoni fuq il-kurduna ta' bankina fi Triq Carlo Fiamingo k/m Triq Godwin Ganado. Din il-bankina tinsab fi stat diżastruż. — *Manutenzjoni fuq bankina fi Triq Carlo Fiamingo k/m Triq Godwin Ganado*

5.04 Is-Sur Christopher Farrugia talab li tintbgħat 'reminder' sabiex isir iż-żbir tas-siġar li hemm taħt il-belvedere peress li ġej is-sajf u importanti ħafna li jinżabru issa peress li l-iskop tal-belvedere intilef. — *Żbir tas-siġar ta' taħt il-belvedere*

5.05 Is-Sur Lino Pace Bonello talab biex jinqata' l-ħaxix ħażin minn mal-bankina fi Triq Godwin Ganado k/m Triq il-Buskett. — *Qtugħ ta' ħaxix ħażin minn mal-bankina fi Triq Godwin Ganado*

5.06 Is-Sur Lino Pace Bonello talab li ssir laqgħa ta' koordinazzjoni bejn l-entitatjiet ikkonċernati dwar il-qlugħ tal-arbli tad-dawl minn Triq il-Buskett. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tikkoordina sabiex issir din il-laqgħa. — *Laqgħa ta' koordinazzjoni dwar il-qlugħ tal-arbli tad-dawl*

5.07 Is-Sur Lino Pace Bonello talab sabiex il-Kumitat Amministrattiv jiltaqa' mas-Sindku l-ġdid tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat. — *Laqgħa mas-Sindku tar-Rabat*

5.08 Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li jintbgħat suġġeriment lill-uffiċċju tat-trasport pubbliku fi ħdan l-uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex l-Arriva ma tibqax tgħaddi minn tal-Virtù. Minflok isir bħal 'park & ride' fejn tgħaddi *mini van* kbira li tiġbor ir-residenti minn fuq il-bus stops tar-Rabat u 'l madwar u tniżżilhom fejn — *Talba biex l-Arriva ma tibqax tgħaddi minn Tal-Virtù*

hemm l-*interchange*. B'hekk jiġi evitat li l-*buses* il-kbar tal-Arriva jgħaddu minn qalb it-toroq tal-lokal tagħna.

5.09 Is-Sur Christopher Farrugia talab li jiktbu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex naraw meta ser tiġi approvata l-istemma tal-Kumitat Amministrattiv. L-istemma tal-KA Virtù

**6.00 Aġġornament**

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju 2013 fis-6.30 pm. Aġġornament

6.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.35 pm

f **Lino Pace Bonello**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**